Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 255/2001/1

**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-20 ta' Mejju 2004**

**Citazzjoni numru 255/01 GC**

**S.V.S. Limited**

**vs**

**Ahmed El Nagiah esercenti l-kummerc bl-azjenda A.E.N Trading u martu Emanuela El Nagiah ghal kull interess li jista jkollha**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta' tmint elf u mitejn lira Maltija (Lm8,200) import ta' sitt kambjalijiet skaduti u debitament accettati u mhux onorati, kopja vera tal-original hawn annessi u mmarkati Dok. 1 sa 6;

Minkejja illi l-konvenut gie interpellat premezz ta' ittra ufficjali (Dok 7) sabiex ihallas, baqa' inadaempjenti;

Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u esigibbli u kif jirrisulta mill-affidavit anness Dok A, fil-fehema tas-socjeta attrici il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jopponi kontra t-talbiet attrici;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmint elef u mitejn lira Maltija (Lm8,200) dovuta kif fuq espost;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid, tal-mandat ta' sekwestru presentati kontestwalment kif ukoll tal-ittra

ufficjali datata 6 ta’ April 2000, u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala. Il-konvenut gie ingunt in subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1 Illi preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni stante illi hija nieqsa mill-formalitajiet essenzjali ad validitatem ta’ l-istess citazzjoni u cioe’ hija nieqsa mid-dikjarazzjoni guramentatata ta’ l-attur u dana kif rikjest fl-artikolu 167 tal-Kapiltolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li taghmel; referneza ghad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 156 (3) ta’ l-istess Kapitolu;

2 Illi fit-tieni lok, it-talbiet tas-socjeta attrici huma diretti biss kontra l-konvenut u ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3 Illi fit-tielet lok, l-kambjali mertu tal-kawza huma nieqsa mill-persuna ta’ l-accettant jew tad-debitur stante illi l-konvenuti iffirmaw l-istess kambjali ‘per aval’;

4 Illi fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont mitlub fic-citazzjoni ma huwiex dovut u dana stante ill il-konvenuti diga ghamlu diversi pagamenti;

5 Illi finalment , l-merkanzija ikkonsenjata ma kenitx tal-kwalita pattwita u ghalhekk ghandha issir rifuzjoni ta’ parti mill-prezz u cioe’ mill-ammont dovut minhabba dan il-fatt. Il-konvenut soffrew telf fil-qliegh taghhom minhabba f’dan;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat is-sentenza taghha tat-22 ta' Marzu 2002 li biha giet respinta r-raba (4) eccezzjoni tal-konvenuti rigwardanti li l-ammont mitlub fic-citazzjoni mhux dovut;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2002 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti rtiraw l-eccezzjoni preliminari taghhom;

Rat l-istess verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2002;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' tmint elf u mitejn lira Maltija (Lm8,200) import ta' sitt kambjalijiet debitament iffirmati mill-konvenuti u li pero' ma gewx onorati mill-istess konvenut;

L-eccezzjonijiet li fadal li ghandhom jigu trattati jirrigwardaw li l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li t-talbiet attrici huma diretti biss kontra l-konvenut, li l-kambjali in kwestjoni huma nieqsa mill-persuna ta' l-accettant jew tad-debitur stante illi l-konvenuti iffirmaw l-istess kambjali biss 'per aval' u li l-merkanzija in kwestjoni ma kenitx tal-kwalita pattwita;

L-ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet ma ghandha tigi akkolta. Hu evidenti li t-talbiet attrici huma diretti kontra z-zewg konvenuti, appuntu kif citati fl-okkju tal-kawza. In effett mhux kontestat li fiz-zmien li sar in-negozju in kwestjoni l-konvenuti kienu mizzewgin. Jirrizulta ukoll li l-konvenuta iffirmat il-kambjali in kwestjoni. Ma jirrizulta xejn irregolari ghar-rigward tal-kambjali in kwestjoni. Jidher li z-zewg konvenuti accettaw l-istess kambjali billi iffirmawhom. Hu irrilevanti u superfluwu l-fatt li l-konvenuti iffirmaw ukoll l-istess kambjali "per aval". Hawnhekk si tratta ta' azzjoni kambjarja u ghalhekk din l-azzjoni hi indipendenti min-negozju li sehh bejn il-partijiet li wassal li jigu ffirmati l-kambjali. Is-sottomissjoni tal-konvenuti

ghalhekk li l-merkanzija konsenjata mis-socjeta attrici ma kenitx tal-kwalita pattwita hi irrilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri;

Minn naha l-ohra t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Fid-dawl ta' dan kollu l-imsemmija eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu rigettati u fl-istess hin it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha li fadal tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-tabiet attrici u tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tmint elef u mitejn lira Maltija (Lm8,200) import ta' sitt kambjalijiet debitament iffirmati mill-konvenuti u li pero' ma gewx onorati mill-istess konvenut u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' kull skadenza ta' kull kambjala sad-data tal-efettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------